

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-4 ta' Diċembru 2014

li taħtar il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Assistent Kontrollur

(2014/886/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta ta' lista ta' kandidati stabbilita mill-Kummissjoni Ewropea fis-16 ta' Settembru 2014, skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, wara sejħa pubblika għal kandidati, bil-ħsieb tal-ħatra tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u tal-Assistent Kontrollur,

Billi:

- (1) Il-mandat tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Assistent Kontrollur skada fis-16 ta' Jannar 2014. Madankollu, f'konformità mal-Artikolu 42(6) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Assistent Kontrollur għadhom fil-kariga sakemm jiġu sostitwiti.
- (2) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Assistent Kontrollur jinħatru bi qbil komuni bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għal perijodu ta' 5 snin mill-4 ta' Diċembru 2014,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-persuni li ġejjin jinħatru għall-perijodu mill-4 ta' Diċembru 2014 sal-5 ta' Diċembru 2019:

- Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data: Is-Sur Giovanni BUTTARELLI,
- Assistent Kontrollur: Is-Sur Wojciech Rafał WIEWIÓROWSKI.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-4 ta' Diċembru 2014.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2014.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

M. SCHULZ

Għall-Kunsill

Il-President

S. GOZI

⁽¹⁾ ĠUL 8, 12.1.2001, p. 1.